**3 ta' Lulju, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

Zammit Trading Limited

*versus*

Il-Kontrollur tad-Dwana

**Kontumaċja - Ġustifikazzjoni ta'**

*Il-Qorti ta' l-Appell irrevokat sentenza ta' l-Ewwel Qorti u rrimettiet l-atti lura għaliex sabet ġustifikazzjoni għall-kontumaċja tal-konvenut.*

Il-Qorti:-

B'avviż numru 729/97 fil-Qorti tal-Maġistrati l-atturi talbu illi l-konvenuti għandhom iħallsu u jirrifondu lill-atturi l-ammont ta' Lm244.80 rappreżentanti pagament indebitu mħallas *under protest* skond riċevuta numru 269940 mis-soċjetà attriċi lill-konvenut u dan stante li s-soċjetà attriċi ma kinitx obbligata li tħallas ebda *levy* addizzjonali ai termini tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta;

L-intimati fil-fatt ipprezentaw nota ta' eċċezzjonijiet fit-2 ta' Lulju, 1997 liema nota però ġiet miċħuda mill-Qorti bħala tardiva. Fl-istess eċċezzjonijiet l-esponent issottometta li t-talba attriċi hija inammissibbli kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante illi l-artikolu 61 (2) tal-Kapitolu 37 ta' l-Ordinanza *tad-Dwana* jgħid speċifikatament illi d-disposizzjonijiet jgħoddu meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li d-diskrepanza tkun ġrat *minħabba fi żball ġenwin u* għalhekk peress illi l-Kontrollur tad-Dwana ma kienx konvint minn dan kellu d-dover li jiġbor il-multa in kwistjoni;

Illi subordinatament, stante li l-multa in kwistjoni nġabret skond l-eżerċizzju ta' diskrezzjoni amministrattiva fdata fil-konvenut b'liġi, l-attur ma jistax jitlob ir-rifużjoni ta' l-ammont imħallas bħala multa mingħajr ma fl-ewwel lok jottjeni dikjarazzjoni ta' nullità ta' l-att amministrattiv li permezz tiegħu ġie deċiż li tiġi mposta l-multa;

Illi peress li l-multa mposta fit-13 ta' Marzu, 1996, l-azzjoni għad-dikjarazzjoni li l-att amministrattiv huwa null kienet perenta bit-trapass ta' sitt xhur mill-1 ta' Ottubru, 1995 - data meta daħal *in vigore* l-artikolu 469A tal-Kap. 12 u dan fit-terminu ta' l-istess artikollu 469A;

Illi subordinatament, stante li l-liġi stess tagħti d-diskrezzjoni lill-konvenut biex jiddeċidi jekk id-diskrepanza

kinitx il-frott ta' żball ġenwin jew le, l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati ma kelliex ġurisdizzjoni biex tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha *għal dik tal-konvenut u dan anke jekk il-*Qorti tiddeċidi li ma japplikax l-artikolu 469A tal-Kap. 12 iżda japplikaw id-disposizzjonijiet ta' dak li kien l-artikolu 742 (2) u (3) li kien *in vigore* qabel l-1 ta' Ottubru, 1995;

B'sentenza ta' l-4 ta' Lulju, 1997, l-Ewwel Onorabbli Qorti akkoljiet it-talbiet ta' l-attur wara li kkunsidrat lill-esponent bħala kontumaċi billi huwa ma deherx meta l-kawża ssejħet fis-seduta tat-27 ta' Ġunju, 1997, stante illi l-attur ma osservax l-artikolu 181B (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u *Proċedura Ċivili b'emenda li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru,* 1995, illi tgħid speċifikatament li meta jkun hemm kawża kontra l-Gvern l-attur għandu d-dover illi jinnotifikha mhux biss lil kap tad-dipartiment imma anke lill-Avukat Ġenerali u kif jirriżulta ċar mill-proċess stess l-Avukat Ġenerali qatt ma ġie nnotifikat u għalhekk it-terminu għall-kontestazzjoni tal-kawża ma setax jiskadi;

Il-konvenut ħass ruħu aggravat bis-sentenza msemmija u qiegħed jinterponi appell minnha fuq l-aggravji segwenti:

L-esponenti ma setgħux jitqiesu bħala kontumaċi u n-nota ta' eċċezzjonijiet tagħhom ġiet riġettata skorrettement;

Illi l-konvenuti ma ngħatawx ċans jispjegaw il-kontumaċja tagħhom li hija ġustifikatta legalment dakinhar tas-seduta ta' l-4 ta' Lulju, 1997; u

Il-liġi stess fl-artikolu 61 (2) ta' l-Ordinanza tad-Dwana tagħti d-diskrezzjoni lill-awtorità tad-Dwana biex tiddeċidi jekk l-iżball huwiex wieħed ġenwin jew le u, a skans ta' ripetizzjoni l-esponent iġib bħala aggravji r-raġunijiet fuq elenkati ġà

miġjuba fin-nota ta' eċċezzjonijiet;

Għaldaqstant, il-konvenut talab li dina l-Qorti tħassar u tannulla s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi *ta' l-4 ta'* Lulju, 1997 u minflok tirrimetti l-kawża quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti għal deċiżjoni skond il-liġi u subordinatament u f'każ li dina l-Qorti jidhrilha li m'għandhiex tannulla s-sentenza, jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa' l-aggravji ta' l-esponent bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

L-appellat wieġeb hekk:

"Illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma għar-raġunijiet indikati fl-istess sentenza, peress li rriżulta li l-ammont ta' Lm244.80 tħallas mis-soċjetà appellata lill-appellanti ndebitament, peress li l-ebda *levy* addizzjonali ma hija jew kienet dovuta;

Illi di più u bla preġudizzju għall-premess jirriżulta li l-konvenut kien debitament notifikat bl-avviż ai termini ta' l-artikolu 171 (1) u (2) u di più l-istess Qorti aġixxiet ai termini ta' l-artikolu 215 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk l-appellanti naqas li jidher wara li ġie debitament avżat ai termini ta' l-artikolu 182 (2) tal-Kap. 12;

Illi di più u bla preġudizzju għall-premess jirriżulta ukoll li ġiet applikata mill-appellanti l-artikolu 61 (2) tal-Kap. 37, fejn ġie aċċettat li tali diskrepanza kienet minħabba żball ġenwin, għaliex altrimenti kien japplika l-konfiska ai termini ta' l-artikolu 61 (2) tal-Kap. 37, *proprio* minħabba l-applikazzjoni minnu ta' l-artikolu 61 (2) tal-Kap. 37 (u dan apparti li ma akkuża formalment lil ebda soċjetà taħt artikoli appożiti bbażati fuq l-allegazzjoni odjerna tiegħu) l-istess appellanti ma jistax

illum isostni li l-każ ma kienx wieħed ta' żball ġenwin;

Illi di più l-artikolu 469A tal-Kap. 12 ma japplikax għall-każ *de quo* stante li din il-kawża *si tratta* ta' azzjoni ta' pagament indebitu, peress li l-appellant ħallas l-ammont mhux dovut; di più tali artikolu lanqas kien *in vigore* meta sar l-istess ħlas;

Illi di più tali ħlas indebitu ġie arbitrarjament rikjest meta l-istess artikolu 61 ma jipprovdi xejn dwar l-istess ħlasijiet, iżda biss dwar konfiska li ma ġietx applikata;

Illi fl-aħħarnett u bla preġudizzju għall-premess, l-*appellanti* setgħu ġabu *l-istess eċċezzjonijiet fit-termini stabbilit* quddiem l-Ewwel Qorti, iżda naqqsu manifestament li jagħmlu dan, u l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex triq oħra ħlief li tgħaddi għas-sentenza;

Illi għalhekk l-appell ta' l-appellanti għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kollha kontra l-istess appellanti";

Wara li rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet it-trattazzjoni *ta' dana l-appell, il-Qorti issa sejra tgħaddi għad-deliberazzjoni* tagħha;

Jiġi rrilevat qabel xejn li din hija sentenza preliminari limitata biss għal issa għal żewġ aggravji tal-konvenut appellant rigwardanti l-kontumaċja o meno tiegħu;

Ikkunsidrat li mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-avviż promotorju tas-soċjetà attriċi ġie ppreżentat fl-14 ta' April, 1997 u l-kawża ġiet differita bħala l-ewwel appuntament għas-17 ta' Ġunju, 1997. Illi ġurnata qabel, jiġifieri fis-26 ta' Ġunju,

1997, l-attur *nomine* ppreżenta rikors li fih talab differiment billi d-difensur tiegħu ma setax jattendi l-Qorti "minħabba raġunijiet personali" - ara rikors a fol. 8 ta' l-atti. Dan ir-rikors baqa' ma ġiex iddekretat però t-talba fih kontenuta hija ċara u min jaqraha għandu jifhem li l-attur *nomine*, fid-data appuntata ma kienx ser iressaq provi. Minflok ma ġiet akkolta jew respinta din it-talba, deher Leonard Zammit, direttur tas-soċjetà attriċi, *xehed u l-kawża tħalliet għall-4 ta' Lulju, 1997, għas-sentenza*;

Illi fl-1 ta' Lulju, 1997, il-konvenut *ippreżenta rikors fejn* talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza għar-raġunijiet fih kontenuti, liema talba però ġiet respinta b'digriet mogħti dakinhar stess. Illi fost il-motivazzjonijiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati hemm dak li "r-rikorrent (i.e. il-konvenut) kellu żmien sat-18 ta' April, 1997, biex jikkontesta t-talba attriċi". Illi, apparti l-konsiderazzjoni ta' fatt li l-konvenut ġie nnotifikat bl-avviż fit-18 ta' April, 1997, skond il-liġi huwa skorrett li jingħad li l-konvenut intimat kellu "sat-18 ta' April, 1997" biex jikkontesta t-talba;

Illi oltre dan, *jirriżulta li l-konvenut ipprova jiġġustifika l*-kontumaċja tiegħu billi dakinhar ta' l-ewwel appuntament fil-fatt kellu rappreżentant tiegħu l-Qorti biex isegwi l-kawża, flimkien ma' kawżi oħra, iżda però ma laħaqx daħal qabel ma ġara dak li ġà ntqal supra. Dan ġie kollu kkonfermat bil-ġurament minn Martin Debattista;

Illi r-rikors għas-sospensjoni ddaħħal qabel ma ġiet ippronunzjata s-sentenza appellata. *Ir-rikors fejn l-attur nomine* appellant talab biex il-kawża tiġi ddifferita baqa' ma ġiex iddekretat. Illi l-aġir tal-konvenut, għalkemm kien jimplika ċertu ammont ta' negliġenza, ma kienx *tali li jiddimostra dik il*-kontumaċja li kellha twassal għaċ-ċaħda tat-talba tiegħu biex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu. Illi parti mill-motivazzjoni tal-

Qorti tal-Maġistrati ma ssibx fondament fil-liġi tal-proċedura;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċidi billi filwaqt li tilqa' l-appell tal-konvenut in kwantu bbażat fuq l-ewwel żewġ aggravji dwar il-kontumaċja tiegħu, tirrevoka għalhekk is-sentenza appellatta mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-4 ta' Lulju, 1997 fil-kawża fl-ismijiet premessi u għaldaqstant tordna li l-atti jiġu rinvijati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati sabiex, wara li l-konvenut appellant jiġi ammess biex iressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu fil-meritu, jinstemgħu l-provi tal-partijiet u tingħata sentenza skond il-liġi;

Fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż ġudizzjarji relattivi għal dana l-appell jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.

---